MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 3/2012

**RUTH GALEA**

**Vs**

**BOND'S LIMITED C 4026**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur moghtija fl-04 ta' Awwissu 2012 fejn gie deciz:-

***"It-Tribunal***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Dicembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta'elfejn tliet mija hamsa u*

*hamsin ewro (€2,355), rapprezentanti l-prezz ta' zewg spare bedrooms li allegatament kien hemm diversi nuqqasijiet.*

*Is-socjeta` ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-socjeta` ntimata li huma rapprezentanti tas-socjeta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi hija xtrat zewg spare bedrooms, u meta gew installati kien hemm diversi nuqqasijiet.*

*Is-socjeta`ntimata ssottomettiet bil-miktub illi jekk kien hemm xi nuqqasijiet, kienet lesta sabiex taghmilhom u tirrangahom, u l-kawza giet imhollija sine die sabiex dan isir.*

*Ghalkemm thalliet sine die, r-rikorrenti regghet ilmentat li kien hemm diversi nuqqasijiet minkejja li saru t-tiswijiet.*

*Minhabba n-natura teknika tal-materjal, t-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti, sabiex jeccedi fuq il-post u jipprepara rapport fuq dawn in-nuqqasijiet, fejn fir-rapport tieghu kkonkluda li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet. Illi parti wahda riedet tithallas meta tiehu l-merkanzija u l-parti l-ohra ried li tigi ezaminata l-ghamara qabel tittella' fuq.*

*Is-Sur Ciliberti kkonkluda wkoll illi din hija ghamara ta' mas production u mhux ta' kwalita` gholja hafna u li hija composite material u l-prezz taghha huwa ghalhekk relatat. Hemm diversi imperfezzjonijiet li huma inaccettabbli u li hemm bzonn isir ftit aggustament.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u wara li ra r-rapport tal-espert tekniku jikkonkludi illi jista' jkun li hemm diversi nuqqasijiet, illi ghaldaqstant is-socjeta` intimata ghandha tikkonsenja l-ghamara kollha tajba.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta intimata, inkluz l-ispejjez tar-rapport tal-espert tekniku."*

Minn din is-sentenza s-socjeta intimata Bond's Limited ħassitha aggravata u interponiet l-preżenti appell fejn tilmenta:

1. Illi minkejja illi t-Tribunal serrah l-analizi tieghu tal-kwalita tal-kmamar esklussivament fuq il-perizja huwa ma mexiex fuq tali perizja. Illi tali zball ixejjen il-kwalita rikjesta minn smigh xieraq.
2. Illi l-proceduri illi segwa t-Tribunal kienu tant konfondenti illi cahhdu lill-esponenti id-dritt ta' smigh xieraq.
3. Illi l-mod kif it-Tribunal ipproceda ghas-sentenza cahhad lis-socjeta appellanti minn zmien prezzjuz sabiex jirredigi l-appell tieghu.
4. Illi bis-sentenza tat-Tribunal l-appellata Galea ghamlet gwadann inekwu.

Illi l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità. Dana ma ifissirx madanakollu illi id-dettami tal-ligi ghandhom jigu injorati fid-decizjoni mehuda.

**"M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza. Imbagħad tkompli hekk l-gudizzju ta' l-ekwita`hu ntiz proprju biex jimla l-lakuna tan-nuqqas tal-prova[1]".**

[1] Vella Edwin Vs Briffa Joanna, AĊ, 07/05/2004

Illi minn ezami ta'l-atti ma jirrizultax illi din il-lacuna fil-provi tezisti. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi it-Tribunal hatar espert tekniku biex jassistieh fid-decizjoni tieghu, liema espert wasal ghal konkluzjoni illi l-ilment maghmul mir-rikorrenti fit-talba taghha kien wiehed esagerat ghajr ghat-tistiera tas-sodda li kienet qed titqaxxar u daqqa ckejkna fil-kexxun fuq gewwa. Ikompli:

"***altrimenti l-ilmenti l-ohra huma dak li gie spjegat lir-rikorrenti mill-esponenti fil-hin ta'l-access mizmum bhala tfettiq***."

Dan gie konkluz fid-dawl tal-fatt illi l-ghamara mixtrija mir-rikorrenti appellata kienet wahda ta' *mass production* u ghalhekk mhux ta' kwalita gholja hafna, liema fattur huwa ukoll rifless fil-prezz imhallas.

Illi madanakollu t-Tribunal ikkonkluda illi kien hemm diversi nuqqasijiet li kienu jenhtiegu aggustament, izda fid-decizjoni tieghu ma jindikax x'kienu dawn in-nuqqasijiet u jekk l-istess kenux dawk indikati mir-rikorrenti fit-talba taghha, imbaghad ighaddi biex jaghti kumpens ta' €300 ewro lir-rikorrenti appellata ghal dawn in-nuqqasijiet, minghajr ma jindika l-konsistenza taghhom u kif wasal ghal likwidazzjoni ta' dawn id-difetti fl-ammont ta' €300. Illi ghalhekk ghalkemm il-ligi specjali li tirregola l-affarijiet tal-konsumatur taghti il-jedd lill-aggudikatur fi kwistjonijiet li iqumu li jiddeciedi fuq bazi ta' ekwita, ma ifissirx illi dan il-principju ghandu jigi applikat anke fejn il-konsumatur ma ghandux jedd ghat-talba minnu imressqa ghal gudizzju tat-Tribunal.

**"gjaladarba l-appell hu mezz li bih wahda mill-partijiet litigandi iggib ghad-diskussjoni, fil-konfront tal-parti l-ohra, l-oggett tal-provvediment impunjat, din il-Qorti ta' revizjoni ghandha almenu jkollha l-opportunita` li, fuq l-istregwa ta' dawk l-istess provi, <u>tikkontrolla l-kriterju logiku segwit mit-Tribunal</u> u, l-aktar, jekk il-valutazzjoni hekk maghmula minn dak l-istess Tribunal, tirrizultax hekk logika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati.**

**Fil-kaz partikolari dan hu ta' l-akbar rilevanza in kwantu l-Qorti jkollha tistharreg jekk it-Tribunal verament iddeterminax il-kwestjoni quddiemu "skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" [Artiokolu 21 (1), Kapitolu 378], u, ukoll jekk d-decizjoni tkunx illediet d-dettami tal-gustizzja naturali u l-azzjoni tkunx ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella [Artikolu 22 (2) ta' l-istess Kapitolu];**

**.... ghalkemm hu veru li l-gudikant ghandu jhares lejn il-gustizzja sostanzjali, anzikke ghar-rigida norma tal-ligi, b'danakollu l-arbitriju diskrezzjonali m'ghandu qatt jikkonfliggi mal-ligi u addizzjonalment, li ma jivvjolax in-normi pozittivi tal-gustizzja.**[2]"

Traccjati ghalhekk dawn il-principji legali stabbiliti mill-gurisprudenza, johrog car illi d-decizjoni moghtija hija ghal kollox minghajr logika iktar u iktar meta ghalkemm it-Tribunal jaghmel referenza ghar-rapport ta'l-espert tekniku li ikkonkluda illi l-ghamara ma kellhiex difetti li ma kellhomx ikunu accettabli ghar-rikorrenti stante illi hija xtrat l-ghamara bil-konsapevolezza illi din tkun ta' kwalita inferjuri, imbaghad ghadda biex ikkonkluda illi l-ghamara kellha imperfezzjonijiet li mhumiex accettabbli minghajr ma jindika fejn kienu dawn l-imperfezzjonijiet u n-nuqqasijiet li isemmi fid-decizjoni tieghu u li wasslu ghal kundanna ghal hlas ta' €300 mis-socjeta appellanti.

Dan apparti l-aggravvji l-ohra sollevati mis-socjeta appellanti ghar-rigward tal-procedura segwieta mit-Tribunal f'dan l-iter processwali ghal kollox konfuzjonarju fejn il-verbali tas-seduti ma humiex koerenti ghar-rigward ta' dak li kien qed isehh matul l-andament tal-kawza. Per ezempju ghalkemm fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Dicembru 2010 is-socjeta appellanti tigi ordnata tikkonsenja l-merkanzija indikata mill-espert tekniku ghand ir-rikorrenti, madanakollu ma hemmx indikat fil-verbal sussegwenti jekk dan sehhx. Wara dan jinsab inserit fil-process kopja tar-rapport tal-espert tekniku li la hu iffirmat u lanqas igguramentat. Fil-verbal tat-18 ta' Jannar 2011, imbaghad l-partijiet

[2] Teresa Jayne Davison vs Yun cucciardi – 2/2010 – 6/10/2010

(ghalkemm mhux indikat min minnhom) jigu ordnati iharrku lill-espert tekniku ghas-seduta ta' wara biex jixhed, izda fil-verbal ta' wara u cioe' tat-12 ta' April 2011, dan ma isehhx ghal xi raguni, izda l-avukat tar-rikorrenti gie ordnat jibghat id-domandi mehtiega lill-intimat fi zmien erba' gimghat, haga li mill-atti jidher li ma sehhitx, kif lanqas gie indikat x'kien il-mottiv wara dan il-verbal kurjuz.

Illi gie deciz illi:

1. **Ghalkemm it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur huwa organament sommarju [Artikolu 23(2)(a)] u mhux lanqas marbut b'formalita` zejda [Artikolu 23(3)] dan ma jfisserx li m'ghandux fil-minimu josserva certi dixxiplini processwali. ….**
2. **It-Tribunal ghandu dejjem jassikura li l-partijiet jinghataw l-opportunita li jressqu l-provi taghhom u l-possibilita li jaghmlu d-deduzzjonijiet u l-kontro-deduzzjonijiet taghhom. Dan il-principju jabbraccja kwalsiasi materja ta'** ***fair hearing*** **u ta' l-*****equality of arms*****.**
3. **Il-garanzija espressa b'dan il-principju sservi biex ikun assigurat difiza xierqa b'mod li l-partijiet jinghataw id-dritt tal-kontroll shih tal-provi u dak tal-*****fairness*** **tal-process. Dan fuq zewg livelli, u cjoe (i) li jinghataw il-possibilita` li jiddefendu l-kaz taghhom permezz ta' rapprezentant legali u (ii) li jinghataw il-facilita` li jikkontro-ezaminaw lix-xhieda b'konfront dirett. Jekk dan ma jsirx jigi nieqes dak il-*****fairness*** **li hu ghab-bazi ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni[3].**

Illi maghdud dan allura ma hemmx dubbju illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ma tirrispekkjax dak li kien jinsab fl-atti. Dan ghaliex fl-ewwel lok ir-rapport peritali kien jimmilita favur it-tezi tas-socjeta appellanti, fit-tieni lok dawk l-affarijiet li kellhom jigu irrangjati mis-socjeta appellanti u li gew

[3] App. Inf. 3/2010 – Angelo Buttigieg vs Fibre Marketing Limited deciza 06/10/2010

indikati fir-rapport peritali kellhom isiru kif hemm indikat fir-rapport stess: "***b'rieda tajba minn naha tas-socjeta appellanti li xtaq li r-rikorrenti tohrog sodisfatta***", u mhux ghax ir-rikorrenti kellha xi jedd illi isir dan, gjaldarba hija xtrat ghamara ta' kwalita inferjuri, li kien rifless fil-prezz li hallset ghaliha. Jekk it-Tribunal kien qed jirreferi ghal dawn in-nuqqasijiet[4], allura jirrizulta mir-rapport ta'l-espert illi dawn in-nuqqasijiet ma kellhomx x'jaqsmu mat-talba izda saru biss b'sens ta' buona volonta'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravvji sollevati mis-socjeta appellanti jisthoqqu akkoljiment.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi milqugh u is-sentenza appellata qed tigi revokata b'dan ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

Bl-ispejjez jinqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Indikati mill-espert tekniku bhala bdil ta' komodina, bdil ta' mera imdendla mal-hajt (li ma tifformax il-mertu tat-talba), aggustar sakemm hu possibbli tal-kxaxen, bdil tat-tistiera tas-sodda, aggustar sa fejn hu possibbli tal-bibien tal-unit tal-hgieg fl-ispare bedroom.